MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 122/2015/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 92/15 fl-ismijiet:**

**Paul Mangion**

**v.**

**Alexander Cassar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Alexander Cassar li permezz tieghu talab ir-revoka tal-mandat ta’ qbid numru 92 tal-2015 u r-risposta relattiva ta’ Paul Mangion;

Rat id-digriet tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili moghti fl-10 ta’ Marzu 2015 li qed jigi hawn riprodott ghall-ahjar intendiment:

“Rat ir-rikors ta’ Alexander Cassar tal-11 ta’ Frar 2015 li jaqra hekk:

*“1. Illi fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fuq talba tal-intimat Paul Mangion inhareg il-mandat ta' qbid numru 92/15 fl-ismijiet premessi kontra Alexander Cassar fl-ammont ta' tnax-il elf hames mija u hamsa u sebghin Ewro (€12,575.00) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' diversi vetturi u magna ta' karozza mibjugha u kkonsenjati lill-esponenti, liema bilanc qed jigi allegat li ghadu ma thallasx, u li liema kreditu huwa mertu tal-kawza Rikors Numru 57 /2015 JPG fl-ismijiet Paul Mangion vs Alexander Cassar;*

*“2. Illi l-kreditu pretiz mill-intimat huwa u dan ghaliex il-bilanc dovut lill-intimat gie mhallas fl-intier tieghu u anke saru pagamenti ulterjuri li l-intimat nnifsu kien talab lill-esponenti jaghmel illegalment.Fil-fatt, minhabba li fil-kawza hawn fuq indikata saret talba sabiex il-mertu jigi deciz permezz tal-procedura tal-giljottina, l-esponenti m'huwiex f’pozizzjoni li jipprezenta l-eccezzjonijiet u jaghmel il-kontro-talba tieghu sakemm ma ssehh l-ewwel seduta, liema seduta qeghda ffissata ghal nhar id-dsatax (19) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015);*

*“3. Illi in segwitu tas-suespost, l-intimat ipprezenta diversi skritturi fejn qed jallega illi dawn l-istess skritturi gew iffirmati mill-esponenti. Fil-fatt, l-esponenti jiddikjara illi l-firem li hemm fuq tali skritturi m'humiex tieghu u minhabba s-serjeta' ta' tali allegazzjonijiet, l-esponenti ntavola kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-intimat. Kopja ta' din l-istess kwerela qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A'. Ghalhekk, jirrizulta carament illi l-**<u>mandat ta' qbid numru</u>***

***<u>92/15 fl-ismijiet premessi kontra l-intimat huwa frivolu, skorrett u illegali</u>:***

*"4. Illi jixtieq jigi sottolineat ukoll illi permezz ta' rikors intavolat mill-intimat nhar l-erba' (4) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), huwa talab illi l-kunsinnatarju Andrew Briffa jigi sostitwit ma' Richard Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' numru 870(M). Fil-fatt, permezz ta' digriet datat il-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015), din l-Onorabbli Qorti laqat it-talba tal-intimat. In segwitu ta' dan id-digriet, l-intimat proceda bl-elevazzioni tal-mobbli ndikati fil-mandat surreferit nhar id-disa' (9) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) taht is-supervizjoni u d-direzzioni tal-marixxalla u l-kunsinnatarju Richard Azzopardi. Dakinhar ukoll, saret l-elevazzjoni ta' vettura wahda biss u tal-magna ndikata fl-istess mandat u dan minhabba li chassis numbers tal-vetturi l-ohra gew ndikati skorrettament. Jixtieq jigi sottolineat ukoll illi l-kunsinnatarju ndikat mill-intimat huwa habib kbir tal-intimat u li dakinhar tal-elevazzjoni huwa qaghad hdejn l-intimat jidhak, jixrob u jiekol dak kollu li beda jgiblu l-intimat. Fil-fatt, meta tlestiet l-elevazzjoni, l-kunsinnatarju tela' fl-istess karozza tal-intimat;*
*"5. Illi jixtieq jigi sottolineat ukoll illi l-kunsinnatarju ndika l-post tal-hazna tal-mobbli elevati f'Birzebbuga. Minhabba li l-kunsinnatarju huwa habib kbir tal-intimat kif ukoll minhabba l-fatt li l-intimat joqghod fil-vicinanzi tal-kunsinnatariu, l-esponenti jhoss illi l-hatra ta' dan il-kunsinnatarju qed tohloq pregudizzju kbir fil-konfront tieghu;*

"Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob bir-rispett lill dina l-Onorabbli Qorti sabiex -

*"1. Tordna ghar-ragunijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan ir-rikors, ir-revoka tal-mandat ta' qbid numru 92/15 u tordna ulterjorment illi dawk il-mobbli jinsabu fil-pussess tal-kunsinnatarju Richard Azzopardi jigi ritornati lill-esponenti fi zmien qasir;*

*"2. Fin-nuqqas li dina l-Qorti tilqa' t-talba precedenti ghar-revoka tal-mandat ta, qbid numru 92/15, tordna illi l-kunsinnatarju Richard Azzopardi jigi sostitwit b'kunsinnatarju iehor li huwa aktar idoneju u tordna li l-mobbli elevati u li jinsabu fil-pussess tal-kunsinnatarju Richard Azzopardi jigu mwassla lill-kunsinnatarju li din l-Onorabbri Qorti joghgobha tindika.*

"u dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha xieraq li timponi.

"Rat id-digriet tat-13 ta' Frar 2015 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-19 ta' Frar 2015 fl-11:45;

"Rat ir-risposta ta' Paul Mangion tal-25 ta' Frar 2015 (a fol. 20 et seq) li taqra hekk:

*"1. Illi primarjament jigi indikat illi ma hux minnu illi l-ammont ta' tnax-il elf, hames mija u hamsa u sebghin ewro (€12,575.00) gie mhallas mill-intimat izda huwa precizament l-bilanc li ghadu pendenti u li l-intimat ghadu jrid ihallas fuq tlett vetturi ta' marka Fordson Van u tnejn Escort Saloon kif ukoll magna ta' karozza rispettivament inkluz l-interessi.*

*"2. Illi l-allegazzjoni ta' pagamenti li qed jigi allegat li saru illegalment da parti tar-rikorrenti din hija allegazzjoni infondata fil-fatt u fid-dritt tant illi kull pagament illi l-intimat ghadda lir-rikorrenti fir-rigward tal-vetturi sovra indikati gew mnizzla mir-rikorrenti kemm fuq id-dokumenti tar-rikorrenti kif ukoll fuq id-dokumenti tal-intimat.*

*"3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak gia espost, jigi ndikat illi l- intimat qed jabbuza b'mod sfrenat mill-process gudizzjarju, in kwantu, ntiz biex jittenta jilwi l-provi tar-rikorrenti u jaghmel pressjoni indebita kontra r-rikorrenti sabiex il-firem li hemm iddikjarati u liema firem jaqblu mal-firem tal-istess intimat fuq negozju iehor illi huwa kellu mar-rikorrenti jigu ddikjarati bhala foloz u dan kif jirrizulta minn Dok ACI sa Dok AC5.*

*"4. Illi ma hux fl-interess tar-rikorrenti illi jiffalsifika firem meta dan biegh il- vetturi u li huwa fl-interess tieghu illi jigbor l-ammont dovut lilu.*

*"5. Illi r-raguni ghalfejn il-vetturi ma gewx elevati fl-istess gurnata kienet precizament minhabba li l-marixxalli ma kienux avzati illi chassis number jinsab taht is-seat tax-xufier. Infaui dawn gew elevati wara li nghatat din l-informazzjoni.*

*"6. Illi fir-rigward tal-kunsinnatarju dan mhux vero simili illi huwa habib tar- rikorrenti izda huwa persuna illi r-rikorrenti jafha u qabbad lilu minhabba li talbu ammont ragjonevoli ghaz-zamma tal-vetturi, xi haga ta' beneficcju ghaz- zewg partijiet. Illi r-rikorrenti m'ghandhu l-ebda access ghall-vetturi bl-ebda mod.*

*"7. Illi dak inhar tal-elevazzjoni ir-rikorrenti offra ikel u xorb lil kulmin kien prezenti fix-xena u mhux biss lill-kunsinnatarju. Illi ir-rikorrenti huwa persuna li ghandhu negozju u ghaldaqstant huwa fil-personalita tieghu illi jingieb b'dak il-mod ma' kulhadd.*

"Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrenti, bir-rispett, jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex takkolji s-sottomissjonijiet tieghu u filwaqt li tikkonferma l-mandat precitat tichad l- eccezzjonijiet sollevati mill-intimat u dan ghar-ragunijiet premessi taht dawk il- provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

“Semghet ix-xhieda bil-gurament;

“Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

“Rat in-nota ta’ Dr. Abigail Bugeja tal-25 ta’ Frar 2015 (a fol. 14 et seq.);

“Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**“Ikkonsidrat:**

“Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta’ din il-Qorti, jirrizulta illi Alexander Cassar kien xtara diversi karozzi minghand Paul Mangion precizament tminn karozzi tul l-ahhar seba’ snin liema karozzi thallsu bil-pagamenti mensili.

“Huwa xhed illi kien iffirma **biss zewg skritturi** cioe’ l-ewwel wahda mal-ewwel negozju u l-ahhar skrittura meta sar tpartiti bejn zewg vetturi u magna u cioe’ Dok. ACX 2.

“Alexander Cassar xhed illi huwa ma jafx jaqra u li meta kienu jsiru l-pagamenti dawn kienu jitnizzlu fuq karta li giet ezebita bhala Dok. ACX3 minn fol. 15 sa 17. Cassar ezebixxa ukoll ktieb tar-ricevuti Dok. ACX1. Cassar xhed li Mangion kien jigi d-dar tieghu biex jigbor il-hlas, illi huwa (Cassar) kien jaghti flus kontanti lil mara tieghu Blunden li kienet tghaddiehom lil Paul Mangion. Mangion ma kienx jirilaxxa ricevuta, u Blunden kienet taghmel notament fil-ktieb ACX1 jew fuq il-karta ACX3.

“Huwa xhed li minkejja li kien hallas fl-intier taghhom d-diversi vetturi li xtara minghand Mangion, l-istess Mangion qatt ma ghaddielu l-logbooks tal-istess vetturi. Cassar xhed illi Mangion dejjem kien jghidlu li sejjer jibghathomlu, jew li kien nesiehom warajh.- Vide fol. 32 u 33. Cassar xhed illi huwa kien hallas fl-intier taghhom van Ford antika, Zephir Ford, Ford Prefect, Ford Squire, u Escort Mark 1 blu.

“Huwa xhed illi huwa fadallu biss jaghti lil Mangion €65 fuq Ford Escort Mark 4. Ghar-rigward tal-karozza Cosworth, Cassar xhed illi anka din il-karozza kienet mhallsa.

“Alexander Cassar xhed illi minhabba illi huwa kien tal-fehma illi ma kienx hemm bilanc dovut lil Mangion ghajr ghal €65, huwa mar ghand l-Avukat tieghu , u wara li saru il-konteggi maghha, hija taghtu parir sabiex jieqaf mill-pagamenti , ghaliex kien jidher li saru pagamenti zejda, u fil-fatt l-Avukat tieghu kienet batitlu ittra ufficjali.

“Illi sussegwentement Mangion kien mar d-dar ta’ Cassar u qabad jghajjat mieghu. Ghar-rigward tal-esekuzzjoni tal-mandat meritu tar-rikors, Cassar xhed illi Mangion beda jghajjru u ried jaghmel ghalih tant li zammewh il-Marixxalli – Vide fol. 35 u li beda jghajru bid-dizabilita’ tieghu. Illi di piu’ kien jaf illi l-kunsinnatarju nominat dejjem ikun ma Mangion u li l-garage fejn qeghdin jinzammu l-karozzi elevate, kien garage illi tieghu kellu c-cavetta Paul Mangion. Cassar xhed li dan jafu di scentia propria l’ ghaliex Paul Mangion kien hadu jara karozza f’dan il-garage stess u kien fetah il-garage b’cavetta li kienet fil-pussess tieghu (ta’ Mangion).

“In kontro-ezami Cassar xhed illi huwa qatt ma iffirma fuq xi dokumenti jew xi ktieb ta’ Mangion, hlief ghal dawk iz-zewg skritturi fuq imsemmija. Gie muri Dok. AC1 sa AC 5 u ikkonferma li **qatt ma iffirma dawn id-dokumenti**. Gie muri id-dokument originali PMX1 sa 5 u xhed illi **huwa ma iffirma dawn id-dokumenti**. Gie muri Dok. PMX6 sa 9 u rega ikkonferma li huwa **ma iffirma ebda wahda minn dawn l-iskritturi**.

“Cassar xhed a fol. 44 illi huwa kien ddecieda li jkellem lil Avukat ghaliex Mangion kien dejjem jghidlu *“ghad fadal, ghad fadal, ghad fadal.”*Ghaldaqstant wara illi mar ghand l-Avukat tieghu bil-karti u ghamlu il-konteggi, l-Avukat informatu li Mangion kellu jaghti lilu u mhux vica versa.

“Josette Blunden a fol. 49 et seq. ikkonfermat illi Cassar kien xtara tminn karozzi minghand Mangion ghal liema karozzi, hallsu b’rati mensili. Hija ikkonfermat illi Cassar kien iffirma biss zewg skritturi u li Mangion qatt ma kien tah ricevuti meta kien isir il-hlas mensili. Hija xhedet illi hija kienet izomm karta

u meta hija kienet tghaddielu l-pagament, Mangion kien jiffirma fuq din il-karta. Blunden xhedet li meta gew il-Marixxalli jesegwixxu il-mandat, kien prezenti il-kunsinnatarju Azzopardi u li ftit wara kienu gew Paul Mangion u huh. Blunden xhedet li Paul Mangion kien serva t-te lil Kunsinnatarju. Hija xhedet illi f'hin minnhom Paul Mangion beda jsabbat u jghajjat 'l ghaliex ried il-karozzi bil-qawwa. Hija spjegat li Richard Azzopardi il-kunsinnatarju kien il-habib ta' Mangion, li Azzopardi kellu karozzi ta' Mangion fil-garages Benghajsa Birzebbugia. Hija xhedet illi kien Paul Mangion stess li jiftah il-garage. Blunden xhedet li minkejja Cassar kien hallas il-karozzzi, Mangion ma kienx tah il-logbooks tal-istess karozzi.

"In kontro-ezami Blunden xhedet li Paul Mangion kellu c-cavetta ghad-dhul f'bitha li fiha kien hemm tlett garages, u li Azzopardi u Mangion kienu hbieb. Blunden ikkonfermat ukoll li meta saru l-konteggi, rrezultalhom li Cassar kien hallas aktar milli suppost, u li kien jonqos biss €65 fuq l-Escort – vide fol. 54. Murija Dok. PMX1 sa 9, Blunden xhedet li hija rat wahda minn dawn id-dokumenti, li d-dokumenti *"m'humiex tajbin"* – Vide fol. 55.

"Paul Mangion a fol. 57 et seq. xhed illi huwa biegh numru ta' karozzi vintage lil Cassar. Ikkonferma li l-ewwel karozza kienet van Ford, 1932 model, ghal prezz ta' Lm1,500 li giet imhallsa minn Cassar *"f'temp ta' ftit xhur."* – Vide fol. 58. Mangion ikkonferma li Dok. PMX2 tikkoncerna l-ewwel karozza li biegh lil Cassar u li l-kitba fuqha kienet tieghu, b'dana li, Alex Cassar kien iffirmaha – Vide fol. 59.

"Wara dan, kien bieghlu Ford Zephir ghal Lm900 li thallset minn Mangion ukoll - Vide fol. 58, u PMX1 huwa d-dokument li juri l-bejgh ta' Ford Zephire ghal Lm900. It-tielet karozza li biegh lil Cassar kienet Ford Prefect illi kien giet ukoll mhallsa totalment minn Cassar u ghamel referenza ghal Dok. PMX4. Zied jghid li l-karozza l-ohra indikata f'Dok. PMX4 ukoll giet imhallsa totalment – Vide fol. 60. Ghar-rigward tal-Ford Escort Cosworth, Mangion xhed li dan kien sar tpartit u ghamel referenza ghal Dok. PMX9. Tpartit kien illi Mangion ibiegh il-Cosworth valur stmat ta' Lm4,800 lil Cassar, Cassar tah Ford Cortina valur stamta Lm1,200 u ghaldaqstant il-bilanc kien ta' Lm3,600. Mangion xhed li huwa ghad jrid jiehu €3,142 minghand Cassar.

"Mangion zied jghid li huwa kien irritorna l-Cortina l-ghaliex kien hemm problemi rigward ix-chassis number. Illi sussegwentement sar bejgh ta' zewg vetturi ohra u magna li inbieghu f'daqqa ghal prezz ta' €1,715 li fuqhom ghad fadallu jiehu

€615 u ghamel referenza ghal Dok. PMX8. Huwa xhed li l-Ford Escort Mark 1 f'Dok PMX3 hija wkoll imhallsa, kif inhi mhallsa il-karozza ndikata f'Dok. PMX5.

"Mitlub jghid 'l ghaliex ma sarux transfers fuq il-karozzi li Mangion stess jammetti li thallsu minn Cassar, Mangion xhed li huwa ta l-log books li huwa seta' jaghti lil Alex Cassar. Huwa xhed li Richard Azzopardi kien habib tieghu, li bitha li fiha ghandu garage hija proprjeta tal-gvern, izda kellu garage u li fil-passat il-garage fejn tqieghdu il-karozzi ta' Cassar, kellu access ghalih, izda llum kellu access biss ghal garage personali u ma kellux cavetta ghal garage fejn qeghdin maqbuda il-karozzi. Mangion ikkonferma illi l-hlas kien isir mis-sinjura Blunden ghan nom ta' Cassar u qatt ma talabha tiffirma fuq il-karti tieghu ghaliex huwa ma kien ghamel ebda negozju ma Blunden. Mangion xhed illi mal-prezz tal-vetturi mibjugha, qatt ma zamm interessi.

**"Ikkonsidrat:**

"Il-materja in ezami tikkoncerna talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju, in vista tal-fatt illi "***l-mandat ta' qbid numru 92/15 fl-ismijiet premessi kontra l-intimat huwa frivolu, skorrett u illegali"***l-iskritturi li fuqhomhija bbazata l-ammonti pretizi minn Paul Mangion huma foloz u ma gewx iffirmati minn Cassar, tant illi saret kwerela Dok., A lil Kummissarju tal-Pulizija kontra Mangion.

"Il-Qorti sejra tezamina s-segwenti Artikoli taht il-Kapitolu 12.

"Illi l-**Artikolu 836 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** jipprovdi li:

> ***""(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) Sa (c) Omisses***

***"(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv;***

***"(e) Omisses***

***"(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli."***

"Qabel ma tezamina, l-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

"Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta' Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

*""Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

"Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

*""li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

"Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***""Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

"Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" **–**tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas**-16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

**"Ikkonsidrat:**

"Illi l-mandat kawtelatorju nhareg fuq pretenzjoni tas-somma ta' €12,575, allegatament dovuti minn Alexander Cassar lil Paul Mangion. Illi din il-Qorti fuq l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata hija prekluza milli tindaga dwar il-veracita' o meno tal-iskritturi Dok. PMX1 sa 9 jew il-genwinita' tal-firem indikati fihom. Dan irid jigi nvestigat f'forum iehor.

"Illi mix-xhieda prodotta pero jirrizulta illi l-pretenzjonijiet ta' Mangion jammontaw fl-ahjar ipotezi ghal €3,142, u €615 – Vide fol. 61 u 62, u dan 'l ghaliex kif xhed hu stess- Vide fol. 57 sa 68 l-karozzi kienu mhallsa. Dan l-ammont huwa certament ma jistax jigi paragonat ma €12,575 pretizi minn Mangion, u jider ghaldaqstant li anka fuq bazi ta' prima facie l-mandat 92/15 huwa manifestament eccessiv.

"Illi din il-Qorti rat u ezaminat bir-reqqa din ix-xhieda kif ukoll ix-xhieda ta' Cassar u Blunden u kif ukoll d-dokumentazzjoni Dok. ACX1, 2 u 3 u m'ghandiex il-konvinciment morali almenu sal-grad tal-prima facie illi z-zamma tal-mandat ta' qbid 92/15 huwa gustifikabbli, u dan aktar u aktar fl-isfond tac-

cirkostanzi tal-pussess veru tal-garage illi fih qeghdin jinzammu il-karozzi maqbuda, taht il-kunsinnatarju Azzopardi.

"Il-Qorti nnotat ukoll illi minkejja li fl-ewwel paragrafu tar-risposta guramentata ta' Paul Mangion, l-istess Mangion qed jipretendi l-hlas tal-ammont pretiz li huwa *"precizament il-bilanc li ghadu pendenti ... inkluz l-interessi"*- Vide fol. 20, Paul Mangion iddikjara fix-xhieda tieghu illi *"mal-prezz tal-vettura"* huwa ma kienx jiehu interessi, *"lanqas qatt"*- Vide fol. 67.

"Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet ta' Paul Mangion, tilqa' l-ewwel talba ta' Alexander Cassar, tirrevoka l-mandat ta' qbid 92/15 u tordna illi l-karozzi u l-mobbli li jinsabu fil-pussess tal-kunsinnatarju Richard Azzopardi, jigu ritornati lil Alexander Cassar fi zmien gimgha, u ghaldaqstant tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba.

"Bl-ispejjez kontra Paul Mangion."

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmi Mangion fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u tbiddel id-digriet imsemmi billi tilqa' l-aggravji tieghu u allura thalli l-istess mandat *in vigore*;

Rat ir-risposta tal-konvenuti li permezz taghha filwaqt li opponew ghat-talbiet tal-appellanti, talbu li d-digriet jigi konfermat;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2015 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**L-Aggravji tal-Appellanti u l-Ammissibilta` tal-Appell**

L-aggravji elenkati fil-paragrafu numru 4 tal-appellanti huma erbgha u cioe`:

> "1. Illi ghad li l-Qorti ma dahlitx fil-mertu, rizulta li l-appellat huwa ad debitu tal-appellant.
>
> "2. Illi jekk din l-Onorabbli Qorti ser tikkonferma d-digriet tal-ghaxra (10) ta' Marzu 2015 il-pregudizzju li ser ibaghti l-appellant ser ikun wiehed irriversabbli stante illi dawn il-vetturi u magna jistghu facilment jinbieghu jew tigrilhom hsara.
>
> "3. Illi l-appellant qatt [ma oppona] ghat-talba tal-appellat li jibdel il-kunsinnatarju li minnha nnfisha hija affermazzjoni tad-debitur li anke jaqbel li dawn ghandhom jinzammu prezenti.
>
> "4. Illi wkoll jekk id-digriet tal-ghaxra (10) ta' Marzu 2015 jigi kkonfermat l-esponenti jkun qieghed jigi mcahhad mid-dritt mhux biss li jipprotegi l-proprjeta` maqbuda li hi legalment tieghu izda wkoll li jigbor il-kreditu li jista' jkun dovut lilu."

Madankollu qabel ma tezamina dawn l-aggravji, il-Qorti jidrilha li huwa doveruz tezamina qabel xejn l-ewwel eccezzjoni tal-appellat ghar-rikors tal-appell u cioe` li digriet moghti skont l-Artikolu 836 (1) huwa inappellabbli ai termini tas-sub-inciz (5) tal-istess artikolu. Dan jghid infatti:

> "(5) Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan, japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors."

Ma hemm ebda dubju li r-rikors promotur, ghalkemm ma indikax l-artikoli li tahthom talab ir-revoka tal-mandat, kien appuntu wiehed ai termini tal-Artikolu 836 (1) tal-Kap. 12. L-abbli difensur tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha indikat li dan ir-rikors sar ai termini tas-sub-inciz 1 (d) tal-istess artikolu u allura s-sub-inciz (5) ma japplikax. Madankollu d-dicitura tas-sub-inciz (5) ma jaghmel ebda distinzjoni bejn il-varji subincizi tal-artikolu inkwistjoni. Ghalhekk ma hemm ebda dubju li l-appellat ghandu ragun jinvoka dan is-sub-inciz u allura lanqas ma hemm dubju li kwalunkwe digriet li jilqa' t-talbiet skont l-Aritkolu 836 (1) ma huwiex appellabbli.

Dan il-punt gia` gie deciz ghall-inqas f'zewg okkazzjonijiet minn din il-Qorti u cioe` fis-sentenzi fl-ismijiet **Josef Gatt v. Marisa Gatt** (8 ta' Mejju 2003) u **Paul Tanti pro et noe v. Sammy Mifsud et noe** (19 ta' Novembru 2001) fejn intqal illi:

> *"Il-legislatur ried ukoll jaccerta ruhhu illi una volta l-gudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-sehh, dik id-decizjoni li tawtorizza l-hrug tal kontro-mandat kellha tibqa' fis-sehh [u] ma setghetx tigi b'xi mod impunjata mill-kreditur. Infatti fis-subinciz (5) hu dispost illi "ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan id-digriet ikun finali w irrevokabbli…". Dan is-subinciz ifisser illi lanqas ghall-istess Qorti li tohrog mandat mill-gdid billi tirrevoka d-decizjoni taghha contrario imperio sakemm ma jkunux jokkorru cirkostanzi espressament elenkati bl-istess subinciz (5) ta' [l-Artikolu] 836. Id-dicitura ta' dan is-subinciz jissuggerixxi kif gia inghad pero` a contrario sensu seta' jsir appell .. minn digriet li jichad it-talba ghall-hrug tal-kontro mandat u li allura jhalli l-att kawtelatorju fis-sehh kontra d-debitur."*

Stabbilit dan allura ma hux il-kaz li l-Qorti tiddelibera ulterjorment dwar dan l-appell.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjarah inammissibbli u allura irritu u null; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, a spejjez tal-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------